# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 27 ta' Ottubru 2023**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwetru Ezekuttiv bin-numru 1820/2022**

**Brian Demicoli (K.I. 476273M)**

**vs**

**Kurt Vella St John (K.I. 114290M)**

**Kawza Numru: 2**
**Rikors Numru: 190/22 NB**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI</u>

**Rat ir-Rikors ta' Kurt Vella St John datat 25 ta' Awwissu 2022 fejn gie premess:**

*1. Illi fl-17 ta' Gunju 2022 Brian Demicoliipprezenta fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ittra gudizzjarja ai termini tal-Artikolu (166A) tal-Kap 12 tal-Ligiijet ta' Malta kontra l-esponenti (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok.A) fejn talab ghall-hlas tas-somma ta' tnax-il elf, mija, wiehed u erbghin Euro tlieta u disghin centezmu (€12.141.93) li skond hu kien cert likwidu u dovut u allegatament tirraprezenta l-prezz ta' servizzi relatati ma bini prestati minnu a favur tal-esponenti fil-fond numru 92 u 93, Triq il-Kbira, Siggiewi, kif ukoll allegat prezz ta' materjal;*

*2. Illi din l-ittra ufficiali giet notifikata lill-esponenti fit-22 ta' Gunju 2022 u billi ma gietx intavolata risposta matul it-terminu ta' 30 jum traskorsi min-notifika, l-istess ittra ufficiali giet reza ezekuttiva mill-intimat;*

*3. Illi nhar it-12 ta' Awissu 2022 l-esponenti talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru liema mandat, gie akkordat fis-18 ta' Awissu 2022 bil-konsegwenza li gie spedit fil-konfront tal-esponenti il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1820/2022;*

*4. Illi madanakollu, l-ittra uffiċċjali vantata mill-intimat bhala t-titolu ezekuttiv formanti l-bażi ta' l-att ezekuttiv precitat hija nulla u mingħajr effett, u kwindi għandha tigi rexxissa, u dan stante li l-istess ittra ufficcjali ma tissodisfax ir-rekwizit meħtieg mil-ligi ad validatem, a tenur ta' l-Artikolu 166A(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*5. Illi kif jirriżulta mill-ittra uffiċċjali in kwistjoni, l-intimat naqas għal kollox milli jiddikjara b'mod car "r-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa, u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba", ilkoll htigijiet dawn li huma rikjesti taht piena ta' nullita' mil-ligi;*

*6. Illi kull ma ghamel l-intimat, fl-ittra uffiċċjali spedita minnhu, huwa li jgħid li l-ammont mitlub minnhu kien "rapprezentanti l-prezz ta' servizzi relatati ma bini prestati mill-mittenti a favur tieghek fil-fond bin-numru 92 u 93, Triq il-Kbira Siggiewi, kif ukoll prezz ta' materjali ikkonsenjati lilek, u dan a karigu tieghek stess".*

*7. Illi fis-sentenza fl-ismijiet-Noel Sultana Vs Andrew Mercieca*[1] *gie spejgat illi:*

> *"sabiex jigi sodisfatt il-vot tal-liġi nvokat mill-esponent bħala l-bazi ta' l-azzjoni odjerna. "Mhux allura bizzejjed li fil-ittra ufficcjali wieħed jillimita ruhu għar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba -f'dan il-każ, "l-appalt ta' l-injam-imma għandu wkoll skond ir-regola normativa u għaliex le, il-bon sens jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiża tad-debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt għal liema qed jintalab il-hlas u b'hekk ikun fi grad aħjar li jammetti jew jirripella, skond il-każ, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem "appalt fuq l-injam", ma jikkostitwux dikjarazzjoni certa u cara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta' l-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tiegħu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu, etcetera".*
>
> *Similment, gie ritenut ukoll dwar l-użu tal-frazi "ghal xogħol u parts li huwa ghamel fuq struzzjonijiet tieghek" f'dan il-kuntest li hekk ukoll il-vot tal-liġi mhux sodisfatt, u li "Bla dubju f'dan il-każ Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficcjali in-natura tax-xogħol li qiegħed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xogħol, meta sar ix-xoghol u spjega ta' l-ammont li qiegħed jitlob fis-sens li jagħti*

[1] Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri, Magistrat Dr. Anthony Ellul nhar il-15 ta' Frar, 2010, Rikors Numru 10/2010/1 wara l-mandat ta' sekwestru esekuttiv prezentat fid-19 ta' Jannar 2010.

*tagħrif dwar spejjeż ta' parts u x-xogħol li saru u li tieghu qed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-każ ma ġietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficcjali"*

*8. Illi anke f'dan il-kaz, l-intimat illimita ruhhu li jgħid biss li l-ammont minnhu reklamat jirrapreżenta "l-prezz ta' servizzi relatati ma bini prestati mill-mittenti a favur tieghek fil-fond bin-numru 92 u 93, Triq il-Kbira Siggiewi kif ukoll prezz ta' materjali ikkonsenjati lilek, u dan a karigu tieghek stess", u għalhekk għal dan il-ghan japplikaw ukoll mutatis mutandis il-konsiderazzjonijiet esposti fid-decizjonijiet appena citati. Anke f'dan il-każ ma jidhirx li l-intimat eżebixxa xi fattura jew fatturi, bil-konsegwenza li l-ammont minnhu pretiz baqa' dejjem wiehed neboluz, altru milli car kif mehtieg mil-ligi.*

*9. Illi madanakollu, kif suespost, dawn in-nuqqasijiet fl-ittra ufficċjali irendu l-istess att gudizzjarju null u ineffikaci, u proprju għalhekk, kontestwalment mal-prezenti, l-esponent ntavola rikors ai termini ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn talab ir-rexxissjoni ta' l-istess ittra ufficċjali, u r-revoka tal-mandat odjern;*

*10. Illi ta' min wieħed izid li l-liġi stess tippostula li oppożizzjoni għal ittra ufficċjali ntavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A stante li mhux sodisfatti r-rekwiziti mehtiega inter alia mill-Artikolu 166A(2) tikkostitwixxi raguni valida għall-waqfien mill-eżekuzzjoni ta' att ezekuttiv, u dan a tenur ta' l-Artikolu 166A(6).*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-waqfien ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1820/2022 fl-ismijiet "Brian Demicoli vs Kurt Vella St John" sakemm jigu definittivament decizi l-proċeduri ntavolati fl-atti ta' l-ittra ufficċjali bin-numru 1421/2022 intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet "Brian Demicoli vs Kurt Vella St John", u dan kollu previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat, u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni*

**Rat ir-Risposta ta' Brian Demicoli (KI 476273M) datata 24 ta' Ottubru 2022 (fol 14 et seq) fejn gie eccepit hekk:**

*1. Illi in linea preliminari, it-talba tas-sekwestrat kif dedott hija irritwali u nulla ai termini tal-artikolu 276 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ghar-raġuni illi permezz tat-talba tieghu s-sekwestrant qiegħed jitlob l-Qorti twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-mandat. Tenut kont tal-fatt illi l-mandat de quo gie akkordat nhar it-18 Awwissu 2022, u tal-fatt illi l-ammont t'erba' mija, sitta u għoxrin Euro u disghin centezmu (€426.90) gie depozitat taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti permezz tac-cedola bin-numru 2957/2022 (kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A), huwa*

*prova fih innifsu illi l-mandat in kwistjoni diga gie ezegwit, u għalhekk ma jistax jithassar jew jigi sospiz għaliex tali talba kellha semmai ssir qabel I-ezekuzzjoni tal-mandat;*

*2. Illi in linea preliminari wkoll, it-talba illi s-sekwestrat kellu jagħmel kellha tkun waħda ta' revoka ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, pero anke tali talba xorta ma kinitx tregi stante illi tali talba tista ssir biss jekk "jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma"[2]. Meta l-ligi riedet tisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta" kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju fl-artikolu 836 tal-Ligijiet ta' Malta, li jitkellem dwar mandati kawelatorji;*

*3. Illi in linea preliminari wkoll, it-talba tas-sekwestrat kif dedotta hija intempestiva stante illi r-rikorrenti qed jitlob it-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-mandat de quo fuq allegazzjoni li l-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1421/22 hija nulla, pero sad-data tal-preżentata ta' dina r-risposta l-ebda Qorti għada ma ddegregat provvediment fejn it-tali allegazzjoni saret wahda fattwali;*

*4. Illi in ogni każ u mingħajr pregudizzju, il-mandat ezekuttiv de quo inhareg skont dak kollu li tipprovdi l-liġi fl-artikolu 274 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*5. Illi mingħajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti qiegħed jirrespingi bis-sahha kollha t-talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan in vista' tal-fatt illi l-mandat de quo inhareg a bazi tat-titolu eżekuttiv ottjenut mill-esponenti permezz tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 1421/22;*

*Għaldaqsant u għar-ragunijiet sopra-indikati, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi provvedimenti ohrajn, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fl-intier taghhom, bl-ispejjeż kontra tieghu.*

**Rat il-verbali tas-seduti.**

**Rat l-atti proċesswali kollha.**

**Rat li dawn il-proceduri huma konnessi mar-rikors numru 189/22NB fl-istess ismijiet li qed jigi deciz illum.**

**Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 2023 fejn ir-rikors thalla ghallum ghal decizjoni.**

---

[2] Ara Josephine Spiteri vs Anthony Perry et PA 14/11/1994

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qiegħed jitlob il-waqfien tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru 1820/2022 fl-ismijiet "Brian Demicoli vs Kurt Vella St. John" sakemm jiġu definittivament deċiżi l-proċeduri ntavolati fl-atti tal-ittra uffiċjali bin-numru 1421/2022 intavolata ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 fl-ismijiet "Brian Demicoli vs Kurt Vella St. John" liema proceduri huma l-mertu tar-rikors 189/22 NB.

Kif inghad dawn il-proċeduri miexjin flimkien mal-proċeduri quddiem din il-Qorti kif preseduta bin-numru 189/2022 fl-ismijiet "**Brian Demicoli vs Kurt Vella St. John**". Ir-rikors 189/2022 ġie deċiż illum stess minn din il-Qorti fejn it-talbiet tar-rikorrenti ġew milqugħa u b'hekk il-mandat ta' sekwestru 1820/2022 ġie revokat. A skans ta' repetizzjonijet bla ħtieġa, il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fil-proceduri 189/2022 japplikaw *mutatis mutandis* għal dawn.

## III. KONKLUZJONI

Għaldaqstant il-Qorti tqis li dawn il-proċeduri huma eżawriti u mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

Kull parti jbghati l-ispejjez tieghu.

**Moqrija.**

**Dr. Noel Bartolo**
**Maġistrat**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Ottubru 2023**